

Brussell, 10 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12980/26

POLCOM 305
COMER 128
FDI 39
DELECT 140

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6107 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'8.9.2026 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 6107 final.

Mehmuż: C(2026) 6107 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2026
C(2026) 6107 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 8.9.2026

**li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-objettiv ewlieni tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni¹ (“ir-Regolament”) huwa li joħloq sensibilizzazzjoni akbar fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għar-riskji minn ċerti investimenti diretti barranin (foreign direct investments, FDI) li jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni.

L-Artikoli 6 sa 11 tar-Regolament jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li permezz tiegħu l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni u jikkumentaw dwar l-FDI, li x'aktarx jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Ir-Regolament għandu wkoll l-għan li jżid is-sensibilizzazzjoni tal-FDI li jaffettwaw il-proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni. Għal dan il-għan, l-Artikolu 8 tar-Regolament jippermetti lill-Kummissjoni toħroġ opinjoni meta tqis li FDI x'aktarx jaffettwa l-proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, li għandha tintbagħhat lill-Istati Membri kollha. L-Artikolu 8(3) jistabbilixxi li l-proġetti u l-programmi ta' interess għall-Unjoni huma, “*il-proġetti u programmi li jinvolvu ammont sostanzjali jew sehem sinifikanti ta' finanzjament mill-Unjoni, jew li huma koperti mid-dritt tal-Unjoni dwar infrastruttura essenzjali, teknoloġiji essenzjali jew inputs essenzjali li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku*”. Il-lista tal-proġetti u programmi hija annessa mar-Regolament. Skont l-Artikolu 8(4), il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati biex temenda din il-lista. Fl-24 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni adottat proposta biex tħassar u tissostitwixxi r-Regolament. Il-proċess leġiżlattiv issa ġie konkluż u r-Regolament rivedut dwar l-iskrinjar tal-investimenti barranin se jibda japplika fis-17 ta' Jannar 2028².

Għalhekk, fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew mill-aġġornament preċedenti tal-Anness fid-29 ta' Settembru 2021³, il-proġetti u l-programmi ta' interess għall-Unjoni li ġejjin ġew identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 8(3) u għalhekk qed jiġi propost li **jizziedu** mal-lista annessa mar-Regolament.

Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (ir-Regolament STEP) għandha l-għan li tappoġġa lill-industrija Ewropea u tagħti spinta lill-investiment f'teknoloġiji kritiċi fl-Ewropa. Ir-Regolament jissimplifika u jiġbor flimkien il-finanzjament minn 11-il programm tal-UE, bħal Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għad-Difiża jew il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u jidderiġi lejn tliet oqsma ewlenin ta' investiment: it-teknoloġiji diġitali u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda, it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, u l-bijoteknoloġiji.

Il-programm tal-UE għal Konnettività Sigura (IRIS – 2) huwa inizjattiva li għandha l-għan li tiżviluppa sistema ta' komunikazzjoni bis-satellita reżiljenti u sigura għall-Unjoni Ewropea. Il-programm ifittex li jsaħħaħ iċ-ċibersigurtà, jiżgura komunikazzjonijiet affidabbli għall-gvern u għall-infrastruttura kritika, u jtejjeb il-konnettività madwar l-Ewropa, inkluż f'żoni remoti. Il-programm jikkomplementa l-inizjattivi spazjali eżistenti tal-UE bħal Galileo (navigazzjoni bis-satellita) u Copernicus (osservazzjoni tad-Dinja), billi jiffoka fuq servizzi

¹ ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1.

² ĠU L 2026/1386, 26.6.2026.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2026 tad-29 ta' Settembru 2021 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (C/2021/6924).

ta' komunikazzjoni siguri u kriptati. Huwa mfassal biex inaqqas id-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE u jsaħħaħ is-sovranità diġitali tal-Ewropa u l-kapaċitajiet tagħha ta' rispons għall-kriżijiet. Il-programm huwa ffinanzjat permezz ta' taħlita ta' sorsi tal-UE, inklużi l-linja baġitarja tal-UE għal Konnettività Sigura, Orizzont Ewropa, InvestEU, u kontribuzzjonijiet mill-Aġenzija Spazjali Ewropea, kif ukoll investiment privat permezz ta' mudell ta' sħubija pubblika-privata.

L-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP) huwa inizjattiva tal-UE li għandha l-għan li tagħti spinta lill-produzzjoni tal-munizzjon u tal-missili sabiex tindirizza n-nuqqasijiet fil-provvista, b'mod partikolari b'rispons għall-gwerra fl-Ukrajna. L-ASAP, li ġie adottat fl-2023, jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-manifatturi tad-difiża tal-UE, isaħħaħ il-ktajjen tal-provvista u jiffaċilita proċessi ta' akkwist aktar rapidi. L-inizjattiva hija parti mill-isforzi usa' tal-UE biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tad-difiża u tnaqqas id-dipendenza fuq fornituri esterni. Hija wkoll allinjata mal-Boxxla Strateġika tal-UE għas-sigurtà u d-difiża, filwaqt li tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrikostitwixxu l-istokkijiet tagħhom u jappoġġaw lis-sħab f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

L-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) huwa inizjattiva tal-UE mfassla biex issaħħaħ l-industrija Ewropea tad-difiża billi tippromwovi l-akkwist konġunt ta' tagħmir militari fost l-Istati Membri. Approvat fl-2023, l-EDIRPA għandu l-għan li jsaħħaħ il-koordinazzjoni fl-infiq għad-difiża, inaqqas il-frammentazzjoni fis-suq Ewropew tad-difiża u jiżgura provvista aktar effiċjenti u rapida ta' kapaċitajiet militari. L-att ihegġegħ l-akkwisti kollaborattivi, b'mod partikolari b'rispons għal ħtiġijiet urġenti ta' sigurtà, filwaqt li jappoġġa wkoll l-għan tal-UE li tnaqqas id-dipendenza fuq fornituri esterni u trawwem settur Ewropew tad-difiża aktar reżiljenti.

L-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, ġie adottat f'Mejju 2025 u se jappoġġa lill-Istati Membri li jixtiequ jinvestu fil-produzzjoni industrijali tad-difiża permezz ta' akkwist komuni, li jiffoka fuq kapaċitajiet prijoritarji.

L-investimenti strateġiċi, kif iggwidati mit-Taqsima 2.10 tal-linji gwida għall-investiment għall-InvestEU (ir-Regolament Delegat (UE) 2021/1078), minbarra t-Taqsima 6.4.1.1 dwar l-investimenti soċjali u l-ħiliet, isaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE billi jimmobilizzaw finanzjament għal proġetti li jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi u jappoġġaw setturi ewlenin tas-suq intern.

Il-proġetti strateġiċi fl-Unjoni Ewropea ġew approvati mill-Kummissjoni skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika (CRMA). B'mod partikolari, is-CRMA jelenka l-materja prima kritika li hija indispensabbli għall-ekonomija tal-UE u għal firxa wiesgħa ta' teknoloġiji meħtieġa għal setturi strateġiċi, inklużi l-ajruspazju u d-difiża.

L-att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, adottat f'Ġunju 2024, isaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekosistema tal-manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti tal-UE billi jappoġġa proġetti strateġiċi u jnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tul il-ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija nadifa.

Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs), ibbażati fuq l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-IPCEI, isaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza industrijali tal-UE billi jappoġġaw investimenti strateġiċi transfruntiera u jnaqqsu d-dipendenzi f'setturi kritiċi.

Il-Fond għall-Innovazzjoni għandu l-għan li jġib fis-suq soluzzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea. Il-proġetti ffinanzjati jiffukaw, fost l-oħrajn, fuq teknoloġiji u proċessi innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'industriji

intensivi fl-enerġija, fuq il-ġenerazzjoni innovattiva ta' enerġija rinnovabbli u fuq il-ħżin tal-enerġija. Ir-riskji f'dawn is-setturi li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-UE huma relatati mar-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà, aggravati mid-dipendenzi fil-katina ta' provvista. Barra minn hekk, il-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa u, fil-futur (kif deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni RESourceEU), se jappoġġa saħnsitra aktar proġetti innovattivi fil-katina tal-valur tal-materja prima kritika, fejn ir-riskji potenzjali għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku tal-UE żdiedu wkoll dan l-aħħar.

Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, fost affarijiet oħra, permezz tal-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali, jgħin sabiex l-Istati Membri jiġu mgħammra b'tagħmir ta' kontroll doganali mill-aktar avvanzat⁴. Valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS2 iddeskriviet ir-riskji f'dan is-settur marbuta maċ-ċibersigurtà kif ukoll mal-aċċess għal data sensittiva, it-tnejn li huma aggravati, mid-dipendenzi fuq oligopolju ta' fornituri.

Fl-aħħar nett, il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP), adottat f'Diċembru 2025, huwa inizjattiva tal-UE li għandha l-għan li ssaħħaħ il-bażi industrijali tad-difiża Ewropea u tiżgura d-disponibbiltà f'waqtha ta' prodotti tad-difiża madwar l-Istati Membri. L-EDIP jiffoka fuq it-tisħiħ tar-rispons u tar-reżiljenza tas-settur tad-difiża billi jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, jappoġġa proġetti u investimenti konġunti kif ukoll jgħin biex tiġi aggregata d-domanda għal produzzjoni u akkwist aktar effiċjenti. Għandu wkoll l-għan li jnaqqas id-dipendenzi strateġiċi fuq fornituri esterni u jsaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi b'mod awtonomu fi kwistjonijiet ta' difiża.

Bl-istess mod, il-proġetti u l-programmi li ġejjin ma għadhomx rilevanti, peress li jew ma għadhomx fis-seħħ jew inkella tlestew minn meta sar l-aħħar aġġornament tal-Anness fid-29 ta' Settembru 2021, u għalhekk huma proposti li **jitneħħew** mil-lista annessa mar-Regolament:

Networks Trans-Ewropej tat-Telekomunikazzjoni

Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża

Fl-aħħar nett, il-proġetti u l-programmi li ġejjin huma proposti li **jitneħħew**, peress li l-bażi legali tagħhom tħassret bir-Regolament 2021/696 ("Programm Spazjali tal-UE"), li diġà huwa inkluż fl-Anness u għalhekk ikoprihom:

Programmi Ewropej GNSS (Galileo & EGNOS)

Copernicus

Azzjoni preparatorja għat-tnejn tal-programm il-ġdid tal-UE GOVSATCOM

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Atti Delegati, saru konsultazzjonijiet xierqa u trasparenti dwar dan l-att delegat, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Grupp ta' esperti dwar l-iskrinjar tal-investiment dirett barranin fl-Unjoni Ewropea ġie kkonsultat fis-26 ta' Frar 2025 dwar il-bżonn tal-emendi proposti.

⁴ Li l-Istati Membri jiġu mgħammra b'tagħmir ta' kontroll doganali mill-aktar avvanzat huwa fost l-affarijiet li jagħmel il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, u jagħmel dan permezz tal-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali li huwa wieħed mill-komponenti tal-Fond Integrat.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 8(3) tar-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati sabiex temenda l-lista tal-proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni.

Jenħtieġ li s-segweni proġetti u programmi jiżdiedu mal-Anness tar-Regolament:

- Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241.
- Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023–2027.
- Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP).
- Ir-Regolament (UE) 2023/2418 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-istabbiliment ta' strument għat-tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA).
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża.
- Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika (l-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020.
- Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017, kif stabbilit fil-linji gwida għall-investiment għall-Fond InvestEU, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078 tal-14 ta' April 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-linji gwida għall-investiment għall-Fond InvestEU, minbarra t-Taqsima 2.10, il-paragrafu b li jirreferi għat-Taqsima 6.4.1.1 (investiment soċjali u hili) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078.
- Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724
- Proġetti li l-Kummissjoni, f'deċizzjoni adottata skont l-Artikolu 108 tat-TFUE, qieset li jikkostitwixxu proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (b) tat-TFUE ("Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni").
- Il-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit bl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE.
- Ir-Regolament (UE) 2021/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali.

- Ir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża (“ir-Regolament EDIP”).

Ir-referenzi huma aġġornati għal dan li ġej:

- Networks Trans-Ewropej għat-Trasport (TEN-T)
- Networks Trans-Ewropej għall-Enerġija (TEN-E)
- Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER
- Programm l-UE għas-Saħħa (EU4Health)
- Programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom

Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' preċiżjoni, it-titolu ta' dan li ġej:

- Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

bħalissa fl-Anness I bħala “Programm Spazjali”, se jiġi emendat għal “Programm Spazjali tal-UE”.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.9.2026

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/452, meta l-Kummissjoni tqis li investiment dirett barrani x'aktarx jaffettwa proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, il-Kummissjoni tista' tagħti opinjoni lill-Istat Membru fejn ikun ippjanat l-investiment dirett barrani jew fejn dan ikun diġà twettaq. Il-proġetti jew il-programmi ta' interess għall-Unjoni għandhom jinkludu dawk il-proġetti u l-programmi li jinvolvu ammont sostanzjali jew sehem sinifikanti ta' finanzjament tal-Unjoni, jew li huma koperti mid-dritt tal-Unjoni dwar infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku.
- (2) Il-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/452 tinsab fl-Anness ta' dak ir-Regolament.
- (3) Il-Kummissjoni identifikat diversi Regolamenti oħra li jistabbilixxu proġetti u programmi li jenħtieġ li jiżiedu ma' dik il-lista, peress li huma direttament rilevanti għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku tal-Unjoni.
- (4) Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa, stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², għandha l-għan li tappoġġa l-industrija Ewropea u tagħti spinta lill-investiment f'teknoloġiji kritiċi fl-Ewropa.
- (5) Il-programm tal-UE għal Konnettività Sigura (IRIS – 2), stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, huwa inizjattiva li għandha l-għan li tiżviluppa sistema ta' komunikazzjoni bis-satellita reżiljenti u sigura għall-Unjoni Ewropea.

¹ ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1.

² Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP"), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023–2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj>).

- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/1525 (ASAP) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ huwa inizjattiva tal-Unjoni li għandha l-għan li tagħti spinta lill-produzzjoni tal-munizzjon u tal-missili sabiex tindirizza n-nuqqasijiet fil-provvista, b'mod partikolari b'rispons għall-gwerra fl-Ukrajna. Il-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet mibdija skont dan ir-regolament mhumiex affettwati mill-iskadenza tar-Regolament fit-30 ta' Ġunju 2025 kif stabbilit fl-Artikolu 24.
- (7) Ir-Regolament (UE) 2023/2418 (EDIRPA) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ huwa mfassal biex isaħħaħ l-industrija Ewropea tad-difiża billi jippromwovi l-akkwist konġunt ta' tagħmir militari fost l-Istati Membri.
- (8) L-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106⁶, se jappoġġa lill-Istati Membri li jixtiequ jinvestu fil-produzzjoni industrijali tad-difiża permezz tal-akkwist komuni, b'enfasi fuq il-kapaċitajiet prijoritarji.
- (9) Fir-rigward tal-investimenti strateġiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/523 (il-Fond InvestEU) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, kif definit fit-Taqsima 2.10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078⁸ li jistabbilixxi l-linji gwida għall-investment rilevanti, minbarra t-Taqsima 2.10, il-paragrafu b li jirreferi għat-Taqsima 6.4.1.1 (investment soċjali u ħiliet), l-investimenti strateġiċi taħt InvestEU, li jiffinanzjaw setturi kritiċi bħall-innovazzjoni, l-infrastruttura, l-SMEs, u t-teknoloġiji b'użu doppju, jenħteġ li jiġu inklużi fl-Anness billi huma koperti fil-Komunikazzjoni Konġunta reċenti dwar it-Tisħiħ tas-Sigurtà Ekonomika tal-UE u jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ordni pubbliku u biex jiġu żgurati ktajjen tal-valur strateġiċi.
- (10) Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 jelenka l-materja prima kritika li hija indispensabbli għall-ekonomija tal-Unjoni u għal firxa wiesgħa ta' teknoloġiji meħtieġa għas-setturi strateġiċi, inklużi l-ajruspazju u d-difiża. Il-proġetti strateġiċi fl-Unjoni approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament 2024/1252 jenħteġ li jiġu inklużi fil-lista, peress li spiss jinvolvu materja prima kritika essenzjali għas-setturi strateġiċi, bħall-enerġija, id-difiża u t-trasport, u għalhekk jistgħu joħlqu riskji potenzjali għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà jekk entitajiet barranin ifixxlu jew jikkontrollaw il-provvista tagħhom.
- (11) Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti – “NZIA”), li jistabbilixxi

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) (ĠU L 185, 24.7.2023, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1525/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2023/2418 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-istabbiliment ta' strument għat-tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) (ĠU L, 2023/2418, 26.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2418/oj>).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj>).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>).

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078 tal-14 ta' April 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-linji gwida għall-investment għall-Fond InvestEU (ĠU L 234, 2.7.2021, p. 18, http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/1078/oj).

qafas biex tissaħħaħ l-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. F'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Insaħħu s-sigurtà ekonomika tal-UE", li titlob li l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni jintużaw aħjar u tidentifika l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tat-tfixkil fl-infrastruttura kritika tal-UE bħala żona ta' riskju għoli, il-proġetti strateġiċi taħt l-NZIA jikkontribwixxu direttament biex jagħmlu s-sistema tal-enerġija tal-Unjoni aktar reżiljenti, jiddiversifikaw is-sorsi tal-provvista u jappoġġaw il-manifattura sigura tat-teknoloġija nadifa. Dawn il-proġetti strateġiċi taħt l-NZIA jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness sabiex jallinjaw mal-enfasi tal-Komunikazzjoni fuq il-protezzjoni tal-assi ewlenin essenzjali għas-sigurtà ekonomika.

- (12) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni ("IPCEIs") imsemmija fl-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE huma mfassla biex ilaqgħu flimkien is-setturi pubbliċi u privati sabiex iwettqu proġetti fuq skala kbira li jkunu ta' benefiċċju sinifikanti għall-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha. Dawn jappoġġaw investimenti fuq skala kbira u transfruntiera ta' importanza strateġika għall-Unjoni. Huwa ġġustifikat li l-Anness jinkludi l-IPCEIs, peress li dawn jikkontribwixxu direttament għas-sigurtà ekonomika tal-UE billi jsaħħu r-reżiljenza industrijali, irawmu l-innovazzjoni u jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Insaħħu s-sigurtà ekonomika tal-UE".
- (13) Il-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit bl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE, jiffinanzja proġetti li jiffukaw fuq teknoloġiji u proċessi innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'industriji intensivi fl-enerġija, fuq il-ġenerazzjoni innovattiva tal-enerġija rinnovabbli u fuq il-ħżin tal-enerġija, u fil-futur se jappoġġa saħansitra aktar proġetti innovattivi fil-katina tal-valur tal-materja prima kritika. Ir-riskji f'dawn is-setturi relatati maċ-ċibersigurtà u d-dipendenzi tal-katina ta' provvista għandhom ukoll implikazzjonijiet għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku tal-UE.
- (14) Ir-Regolament (UE) 2021/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali jgħin biex l-Istati Membri jiksibu tagħmir ta' kontroll doganali mill-aktar avvanzat f'qasam fejn ikunu ġew identifikati riskji marbuta maċ-ċibersigurtà u mal-aċċess għal data sensittiva, aggravati fiż-żewġ każijiet minn dipendenzi fuq oligopolju tal-fornituri.
- (15) Barra minn hekk, il-programmi tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita (Galileo & EGNOS), Copernicus, u l-Azzjoni preparatorja għat-tħejjija tal-programm il-ġdid tal-UE GOVSATCOM jenħtieġ li jitneħħew mil-lista, minħabba li r-Regolamenti li jistabbilixxuhom tħassru bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.
- (16) Ir-referenzi għal ċerti programmi oħra fil-lista jenħtieġ li jiġu aġġornati.
- (17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/452 jiġi emendat kif xieraq,

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj>).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) 2019/452 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.9.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN